# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 13 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 27/02/SM**

**B.T.I. Limited**

**vs**

**Gaetano Debattista u Martia sive Mary Debattista mart l-istess Gaetano Debattista ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn hames mija u tmien liri Maltin u hamsa u disghin centezmu, (LM2,508.95,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' lozor, pillow cases, bath towels, face towels, u hwejjeg ohra provduti lilhom mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghhom stess;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru 2001 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat, u bl-imghax dekorribbli skond il-Ligi sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma deherux, la fis-6 ta' Frar tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**